– AMMISSJONI DA PARTI TAL-KONVENUTA –
– VERBAL: KWAZI-KUNTRATT GUDIZZJALI –

# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Marzu, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **29/2018**

**VALLETTA FREIGHT SERVICES LIMITED (MALTA BRANCH)**
[REG. NRU. OC-930]

***VERSUS***

**KOSECP (DISTRIBUTION & BUSINESS SERVICES) LTD**
[REG. NRU. C-31477]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-12 ta' Jannar, 2018 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' sitt mija u tmenin ewro u disa' u tletin ewro centezmi (€680.39c) rapprezentanti l-hlas ta' noll u charges dovuti mill-istess konvenuta marbuta mal-garr u skarikar ta' merkanzija li waslet Malta tramite l-bastiment bl-isem "CMA CGM CALLISTO" kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri gudizzjarji u l-imghaxijiet dekorribbli mill-15 ta' Jannar, 2017 sad-data tal-pagament finali u effettiv.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha rrezistiet ghall-istanza attrici billi sostniet li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-ammont mitlub mill-attrici jinsab diga' mhallas u li, ghalhekk, m'hemm l-ebda kont pendenti bejn il-partijiet u li, bla pregudizzju, id-domanda ghall-imghax ghandu, se mai, tkun dekorribbli mid-data tat-talba ghall-hlas u mhux mill-15 ta' Jannar, 2017.

Ikkunsidra l-provi kollha mressqa;

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

Illi f'dan il-procediment, u in vista' tal-kontestazzjoni tal-konvenuta, inbdew jitressqu l-provi tal-kontendenti. L-Attrici ressqet xhieda u dokumentazzjoni in sostenn tal-pretiza taghha. Dan sehh f'zewg udjenzi[1] u l-provi relattivi ghall-attrici gew dikjarati ezawriti b'nota tas-6 ta' Settembru, 2019 (*a fol*. 167) u kif ribadit fl-udjenza datata 15 ta' Ottubru, 2018 (*a fol*. 168).

Ghal dak li jikkoncerna l-produzzjoni ta' provi tal-konvenuta, l-istess baqghet ma ressqet xejn u r-raguni wara dan huwa identifikat fil-verbali ta' l-udjenzi relattivi.[2]

Fl-udjenza ta' l-20 ta' Frar, 2019 (*a fol*. 172) gie registrat is-segwenti verbal:

> Meta ssejhet il-kawza dehret l-Avukat Dr. Yanika Bugeja ghall-Konvenuta u dehret ukoll l-Avukat Dr. Marie Elise Agius ghall-Attrici rapprezentata in awla minn David Debono.
>
> Dr. Yanika Bugeja ghall-Konvenuta u ghan-nom tal-istess qed tiddikjara illi l-istess Socjeta' Konvenuta qed tammetti l-pretensjoni attrici fl-ammont ta' EUR680.39 u kif ukoll qed tammetti li ghandha tbati l-ispejjes gudizzjarji tal-prezenti proceduri kif dedotti fl-att promotur.
>
> Id-difensuri tal-partijiet jinfurmaw lit-Tibunal illi intlahaq qbil bejn il-partijiet illi kwalsiasi imghax fuq is-sorte qed jigi rinunzjat da parti tal-Attrici.
>
> In vista ta' dak registrat f'din l-udjenza, id-difensuri tal-partijiet jitolbu aggornament tal-udjenza sabiex isehh il-pagament hekk kif imfisser f'dan il-verbal u wara li jsehh l-istess, il-kawza tigi formalment ceduta.
>
> It-Tribunal, ghal kull bwon fini, jiddikjara l-prezenti verbal bhala kwazi kuntratt gudizzjarju bejn il-kontendenti ghall-effetti u finijiet kollha previsti fil-Ligi.

Dakinhar il-procediment thalla ghac-cessjoni ghall-udjenza tal-5 ta' Marzu, 2019. F'tali udjenza l-ahhar imsemmija, deher biss rapprezentant tal-kumpannija attrici mhejjun mid-difensur tieghu, izda l-konvenuta u id-difensur taghha baqghu ma deherux. Dakinhar gie, *inter alia*, registrat il-verbal li gej:

> Dr. Mary Elise Agius tgharraf lit-Tribunal illi nonostante dak registrat fil-verbal tal-udjenza tal-20 ta' Frar, 2019 (fol.172), il-Konvenuta baqghet ma adempjitx l-obbligi minnha hemmhekk assunti, ossija baqghet ma hallsitx is-sorte ta' EUR680.39 u lanqas l-ispejjes gudizzjarji marbuta ma dawn il-proceduri.

---

[1] Ara verbal ta' l-udjenza tas-17 ta' Mejju, 2018 (*a fol*. 15) li fiha xehed David Debono (*a foll*.16–17) u fejn gew ezebiti numru konsiderevoli ta' dokumenti (*a foll*. 18–154) u ara verbal ta' l-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2018 (*a fol*. 155) li fiha xehed Victor Vella (*a foll*. 157–159) u li fiha gew ukoll ezebiti dokumenti ulterjuri (*a foll*. 160–167).

[2] Ara verbali ta' l-udjenza tal-15 ta' Ottubru, 2018 (*a fol*. 168), ta' l-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2018 (*a fol*. 169) u ta' l-udjenza ta' l-14 ta' Jannar, 2019 (*a fol*. 170).

Fid-dawl ta' dan, l-istess difensur ta' l-attrici talbet li dan it-Tribunal ighaddi ghad-decizjoni a bazi ta' l-ammissjoni registrata fil-verbal ta' l-udjenza ta' l-20 ta' Frar, 2019. Dakinhar il-procediment thalla ghas-sentenza ghall-udjenza tal-llum.

It-Tribunal jikkunsidra;

Kif manifest mill-verbal ta' l-udjenza ta' l-20 ta' Frar, 2019 (*a fol*. 172), il-konventa baxxiet rasha ghall-pretensjoni attrici u ikkonfessat li ghandha taghti u thallas lill-istess attrici l-ammont ta' sitt mija u tmenin ewro u disa' u tletin ewro centezmi (€680.39c), li huwa l-ammont domandat f'dawn il-proceduri. Kif ukoll verbalizzat, tali konfessjoni tolqot il-kap ta' l-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri. Dwar l-imghaxxijiet il-partijiet kienu fthiemu u qablu li dawn kienu qed jigu rinunzjati mill-attrici. It-Tribunal jifhem illi tali rinunzja ghall-interessi kienet tolqot solament dawk l-imghaxxijiet li kienu lahqu ddekorrew sad-data tal-ftehim kif verbalizzat u mhux ukoll maghmula testendi ghal dawk li talvolta jkunu dovuti bl-emissjoni tal-prezenti gudizzju. Ghalhekk, dan l-aspett ser jigi rifless fid-*decide* tal-prezenti sentenza.

Dan hu akkordju li jorbot idejn lit-Tribunal u, kif ukoll debitament registrat fl-istess verbal ta' l-imsemmija udjenza, l-istess jikkwalifika, per eccellenza, bhala kwazi kuntratt gudizzjali bejn il-partijiet. Hu sew maghrug illi l-verbali jaghmlu fidi tal-kontenut taghhom u jorbtu lill-kontendenti bis-sahha tal-kwazi kuntratt gudizzjali. F'dan is-sens il-gurisprudenza hi abbundanti u wiehed jirreferi, fost diversi, ghall-gudikati *in re* **Farmacista Giuseppe Debono v. Giovanna Debono** (Appell Civili, 13 ta' Marzu, 1953); **Direttur ta' l-Agrikoltura v. Remigio Galea** (Appell Civili, 30 ta' Marzu, 1987); **Geranzio u Lina Konjugi Bartolo v. Angelo Caruana** (Prim'Awla, 11 ta' Dicembru, 1992) u **Joseph Silvio v. Corinthia Palace Hotel Company Limited** (Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2009). Ghalhekk, ghat-Tribunal, dak li johrog minn tali verbal huwa "an agreed fact" u cioè dak li fid-duttrina hu spjegat bhala "*a fact that the parties to a proceeding have agreed is not, for the purposes of the proceeding, to be disputed. If the agreed fact is stated in a written agreement which has been admitted in evidence or, with the leave of the court, is stated by a party before the court with the agreement of all the other parties, two consequences flow – without the leave of the court, evidence is not required to prove it, and evidence may not be adduced to contradict or qualify it*." (*cfr*. **J. D. HEYDON**, "Cross on Evidence", 8th Australian edition 2010; §3165, p. 216).

Ghalkemm l-ammissjoni giet registrata mid-difensur ta' parti (dik konvenuta) f'udjenza li fiha ma deher l-ebda rapprezentant jew dirigent taghha, jinsab pacifikament akkolt illi l-avukat huwa, fis-sens ta' l-Art. 1862 tal-Kodici Civili, mandatarju tal-klijent tieghu b'mandat specjali ghall-finijiet tal-kawza.[3] Ghalhekk, il-varji disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Procedura Civili in kwantu jikkoncernaw ir-rapprezentanza jew assistenza ta' avukat [*ad exemplum* Art. 688(3)], iservu u huma ntizi biex dak il-mandat jigi ezercitat fil-limiti tal-poteri konferiti lill-mandatarju u biex ma jigix eccedut minghajr l-inkarigu specjali tal-klijent. Una volta li jigi accettat dan kollu, u specjalment li l-avukat tal-parti konvenuta kien qed jagixxi entro l-limiti tal-mandat tieghu, dan seta' jammetti t-talba attrici f'isem il-patrocinat tieghu (i.e., dwar

[3] Dwar ir-rwol ta' avukat u r-relazzjoni tieghu mal-klijent, issir referenza ghad-decizjoni ta' dan it-Tribunal moghtija fid-9 ta' Jannar, 2019 *in re* **Avukat Dottor John Bonello v. Christopher Bonello et**.

is-sorte) u li jikkonfessa wkoll dwar talbiet ohra li huwa deherlu li ma kienx aktar necessarju li jissokta jikkontroverti dwarhom jew li jirrezisti (i.e., dwar l-ispejjez). F'dan ir-rigward wiehed hu mistieden jara *in re* **Carmelo Farrugia v. Grezzju Farrugia et** (Appell Inferjuri, 16 ta' Marzu, 2005).

Bhala konsegwenza, u salv ghall-kwezit ta' l-imghaxxijiet deskritt *supra*, it-Tribunal m'ghandux xi jzid mal-ftehim ragjunt bejn il-partijiet. Addirittura, ghandu jinghad li mhux lecitu li t-Tribunal jintrometti ruhu fl-akkordju li l-istess kontendenti ghazlu jilhqu u jintrabtu bih jew jaghtih xejra jew dimesnjoni ohra.  Dan hu hekk peress li hi presunzjoni *iuris tantum* illi l-istess verbal jirrifletti r-realtà processwali u s-sewwa tal-grajja processwali u huwa, inoltre, dak kif xtaqu jintrabtu u jirregolaw il-prosizzjoni taghhom il-partijiet fil-litigju.  Kif inghad *in re* **Anthony Mintoff v. Avukat Generali et** (Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, 7 ta' Lulju, 2004), l-atti tal-Qorti ghandhom jittiehdu dejjem li saru sewwa, u hu biss f'kaz ta' ambigwità f'dak li hemm registrat, li Qorti tista' tisma sottomissjonijiet orali dwar x'ried jigi mfisser bil-verbal registrat.  Ma tirrizulta l-ebda amigwità fil-verbal ta' dan il-procediment u, allura, l-istess verbal ghandu jittiehed bhala riflessjoni ta' dak li jridu l-kontendenti.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess attrici s-somma ta' sitt mija u tmenin ewro u disa' u tletin ewro centezmi (€680.39c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fuq l-imsemmi ammont dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenuta.

***ft.*** **AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.*** **ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*